IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.11.2017
COM(2017) 680 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-eżerċizzju tas-setgħa tal-adozzjoni ta' atti delegati mogħtija lill-Kummissjoni skont id-Direttiva 2010/63/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Settembru 2010 dwar il-protezzjoni tal-annimali li jintużaw għal skopijiet xjentifiċi

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-eżerċizzju tas-setgħa tal-adozzjoni ta' atti delegati mogħtija lill-Kummissjoni skont id-Direttiva 2010/63/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2010 dwar il-protezzjoni tal-annimali li jintużaw għal skopijiet xjentifiċi

1. INTRODUZZJONI

Direttiva 2010/63/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 22 ta' Settembru 2010 dwar il-protezzjoni tal-annimali li jintużaw għal skopijiet xjentifiċi[1] tirregola l-kura u l-użu tal-annimali għal skopijiet xjentifiċi. Din tistabbilixxi regoli dwar is-sostituzzjoni u t-tnaqqis tal-użu tal-annimali fi proċeduri u r-raffinament tat-trobbija, iż-żamma, il-kura u l-użu tal-annimali fi proċeduri; l-oriġini, it-tnissil, l-immarkar, il-kura u ż-żamma u l-qtil ta' annimali; l-operati u l-awtorizzazzjoni tan-nissiela, il-forniturі u l-utenti; u l-evalwazzjoni u l-awtorizzazzjoni ta' proġetti li jinvolvu l-użu tal-annimali ħajjin fi proċeduri.

Din id-Direttiva tagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati biex tadatta l-Annessi I u minn III sa VIII (għajr id-dispożizzjonijiet tat-Taqsimiet I u II tal-Anness VIII) għall-progress xjentifiku u tekniku:

- ANNESS I: Lista tal-annimali msemmija fl-Artikolu 10 [li tirrikjedi li dawn jitnisslu speċifikament għal użu fi proċeduri]
- ANNESS III: Rekwiżiti għall-istabbilimenti u għall-kura u ż-żamma tal-annimali
- ANNESS IV: Metodi ta' qtil tal-annimali
- ANNESS V: Lista ta' elementi msemmija fl-Artikolu 23(3) [bħala bażi għall-Istati Membri biex jistabbilixxu rekwiżiti minimi għall-edukazzjoni u t-taħriġ tal-persunal]
- ANNESS VI: Lista ta' elementi msemmija fl-Artikolu 37(1)(c) [dwar informazzjoni obbligatorja li trid tiġi inkluża f'applikazzjoni għal proġett]
- ANNESS VII: Doveri u kompiti tal-Laboratorju ta' Referenza tal-Unjoni [stabbilit għall-koordinazzjoni tal-validazzjoni ta' metodi alternattivi fil-livell tal-Unjoni]
- ANNESS VIII: Klassifikazzjoni tal-proċeduri skont is-severità [eżempji ta' tipi differenti ta' proċeduri assenjati lil kull tip ta' kategorija ta' severità]

2. BAŻI ĠURIDIKA

Dan ir-rapport huwa meħtieġ skont l-Artikolu 51(1) tad-Direttiva 2010/63/UE. Skont din id-dispożizzjoni, il-Kummissjoni ngħatat is-setgħa li tadotta l-atti delegati għal perjodu ta' tmien (8) snin li bdew mid-9 ta' Novembru 2010 u hija meħtieġa tfassal rapport dwar is-setgħat delegati mill-inqas tnax-il (12) xhar qabel it-tmiem tal-perjodu ta' tmien snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġġedded awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jirrevokaha f'konformità mal-Artikolu 52.

3. EŻERĊIZZJU TAD-DELEGA

L-eżerċizzju tas-setgħa tqies meħtieġ għall-adattament ta' diversi dispożizzjonijiet previsti fid-Direttiva għall-progress xjentifiku u tekniku. Sal-lum, madankollu, ma saret disponibbli l-ebda informazzjoni xjentifika suffiċjenti li tiggarantixxi aġġornament tal-Annessi rilevanti. Barra minn hekk, id-Direttiva ħadet aktar fit-tul milli kien mistenni sakemm ġiet trasposta b'mod

[1] ĠU L276, 20.10.2010, p.33-79

komplet fil-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri kollha (l-aħħar fosthom tlestiet biss fl-2015). Għaldaqstant, fil-mument hemm biss esperjenza limitata dwar id-dispożizzjonijiet fi ħdan l-Annessi tad-Direttiva.

Madankollu, hekk kif tinkiseb aktar esperjenza permezz tal-applikazzjoni tad-Direttiva fil-prattika, inklużi r-rapporti tal-Istati Membri dwar l-eżenzjonijiet mogħtija għal elementi f'xi wħud mill-Annessi abbażi ta' evidenza xjentifika ġdida, filwaqt li r-riċerka tkompli tagħti għarfien ġdid dwar il-ħtiġijiet ta' benesseri tal-ispeċijiet użati, u filwaqt li tekniki u għodod ġodda tal-investigazzjoni jsiru disponibbli, il-Kummissjoni se tkun mitluba tuża s-setgħat delegati tagħha ħalli tiżgura li d-Direttiva tkun adattata għall-progress xjentifiku u tekniku.

4. KONKLUŻJONI

Matul l-aħħar seba' snin, il-Kummissjoni ma eżerċitatx is-setgħat delegati mogħtija lilha skont id-Direttiva 2010/63/UE. Hija tistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jieħdu nota ta' dan ir-rapport.